

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2069

tat-30 ta' Settembru 2022

**dwar l-għoti ta' deroga mitluba min-Netherlands skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli**

(notifikata bid-dokument C(2022) 6859)

**(Il-verżjoni bl-Olandiż biss hija awtentika)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-paragrafu 2, it-tielet subparagrafu, tal-Anness III tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 91/676/KEE tistipula r-regoli dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli.
- (2) Il-paragrafu 2 tal-Anness III tad-Direttiva 91/676/KEE jstabbilixxi li l-Istati Membri li beħsiebhom japplikaw aktar demel tal-bhejjem minn 170 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru (ħa) jridu jiffissaw l-ammonti b'mod li ma jippreġudikawx l-ilhug tal-oġġettivi speċifikati fl-Artikolu 1 ta' dik id-Direttiva. Jekk Stat Membru jippermetti ammont differenti taħt il-punt (b) tat-tieni subparagrafu, dan għandu jgħarraf lill-Kummissjoni li għandha teżamina l-ġustifikazzjoni f'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 9(2).
- (3) Bid-Deċiżjoni 2005/880/KE <sup>(2)</sup>, il-Kummissjoni tat deroga mitluba min-Netherlands skont id-Direttiva 91/676/KEE bl-iskop li tippermetti l-applikazzjoni tat-tidmil bid-demel tal-bhejjem li jirgħu sa limitu ta' 250 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru fis-sena f'azjendi agrikoli b'tal-anqas 70 % ta' bwar.
- (4) Bid-Deċiżjoni 2010/65/UE <sup>(3)</sup>, li temenda d-Deċiżjoni 2005/880/KE, il-Kummissjoni tat deroga mitluba min-Netherlands skont id-Direttiva 91/676/KEE bl-iskop li tippermetti l-applikazzjoni tat-tidmil bid-demel tal-bhejjem li jirgħu sa limitu ta' 250 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru fis-sena f'azjendi agrikoli b'tal-anqas 70 % ta' bwar sal-31 ta' Diċembru 2013.
- (5) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/291/UE <sup>(4)</sup>, li ma baqgħetx tapplika fil-31 ta' Diċembru 2017, in-Netherlands ingħataw deroga skont id-Direttiva 91/676/KEE li tippermetti l-applikazzjoni tat-tidmil bid-demel tal-bhejjem li jirgħu f'azjendi agrikoli b'tal-anqas 80 % ta' art bil-ħaxix sa limitu ta' 230 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru fis-sena għall-azjendi agrikoli li jinsabu fuq il-ħamrija ramlja tan-Nofsinhar u taċ-ċentru u fuq il-ħamrija loess u sa limitu ta' 250 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru fis-sena għall-azjendi agrikoli li jinsabu fuq tip ta' ħamrija oħra. Din id-deroga kienet tirrigwarda 19 564 azjenda agrikola fl-2016, li kienu jikkorrispondu għal 47 % taż-żona agrikola netta totali tan-Netherlands.

<sup>(1)</sup> ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/880/KE tat-8 ta' Diċembru 2005 li tagħti deroga mitluba min-Netherlands skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 324, 10.12.2005, p. 89).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/65/UE tal-5 ta' Frar 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2005/880/KE li tagħti deroga mitluba mill-Olanda skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 35, 6.2.2010, p. 18).

<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/291/UE tas-16 ta' Mejju 2014 li tagħti deroga mitluba mill-Pajjiżi l-Baxxi skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 148, 20.5.2014, p. 88).

- (6) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/820 <sup>(6)</sup>, li ma baqgħetx tapplika fl-1 ta' Jannar 2020, in-Netherlands ingħataw deroga skont id-Direttiva 91/676/KEE li tippermetti l-applikazzjoni tat-tidmilit bid-demel tal-bhejjem li jirgħu f'azjendi agrikoli b'tal-anqas 80 % ta' bwar sa limitu ta' 230 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru fis-sena għall-azjendi agrikoli li jinsabu fuq il-ħamrija ramlja tan-Nofsinhar u taċ-ċentru u fuq il-ħamrija "loess" u sa limitu ta' 250 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru fis-sena għall-azjendi agrikoli li jinsabu fuq tip ta' ħamrija oħra. Id-deroga kienet tirrigwarda 18 818-il azjenda agrikola fl-2019, li kienu jikkorrispondu għal 44,7 % taż-żona agrikola netta totali tan-Netherlands.
- (7) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1073 <sup>(6)</sup>, li ma baqgħetx tapplika fil-31 ta' Diċembru 2021, in-Netherlands ingħataw deroga li tippermetti l-applikazzjoni tat-tidmilit bid-demel tal-bhejjem li jirgħu f'azjendi agrikoli b'tal-anqas 80 % ta' bwar sa limitu ta' 230 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru fis-sena għall-azjendi agrikoli li jinsabu fuq il-ħamrija ramlja tan-Nofsinhar u taċ-ċentru u fuq il-ħamrija "loess" u sa limitu ta' 250 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru fis-sena għall-azjendi agrikoli li jinsabu fuq tip ta' ħamrija oħra. Id-durata ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni kienet limitata għal sentejn sabiex in-Netherlands ikunu jistgħu jimplimentaw bis-sħiħ strateġija ta' infurzar imsaħħa biex jipprevjenu l-frodi fl-implimentazzjoni tal-politika tagħhom dwar id-demel. Barra minn hekk, ġew inklużi kundizzjonijiet addizzjonali biex jiġi żgurat li l-ammont ta' bhejjem ma jizidex u biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka fl-applikazzjoni tad-demel.
- (8) Fil-25 ta' Frar 2022, in-Netherlands talbu deroga ġdida skont id-Direttiva 91/676/KEE il-pragrafu 2, it-tielet subparagrafu, tal-Anness III,
- (9) In-Netherlands irrapportaw *data* <sup>(7)</sup> skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 91/676/KEE li wriet li għall-perjodu mill-2016 sal-2019, madwar 14 % tal-istazzjonijiet ta' monitoraġġ tal-ilma ta' taħt l-art fin-Netherlands kellhom konċentrazzjonijiet medji ta' nitrati ogħla minn 50 mg/l, 5 % bejn l-40 u l-50 mg/l, u 73 % inqas minn 25 mg/l. Id-*data* wriet wkoll li, fil-perjodu bejn l-2016 u l-2019, 99 % mill-istazzjonijiet tal-monitoraġġ tal-ilma tal-wiċċ fin-Netherlands kellhom konċentrazzjonijiet medji tan-nitrati ta' inqas minn 50 mg/l u li 96 % minn dawk l-istazzjonijiet tal-monitoraġġ kellhom konċentrazzjonijiet medji tan-nitrati ta' inqas minn 25 mg/l. Madankollu, fil-perjodu ta' rapportar mill-2016 sal-2019, 58 % tal-ilma ħelu kien ewtrotiku u 10 % seta' jsir ewtrotiku jekk ma tittieħed l-ebda miżura.
- (10) Din id-*data* kif ippubblikata fir-Rapport dwar l-Artikolu 10 tad-Direttiva 91/676/KEE <sup>(8)</sup> uriet ukoll varjazzjonijiet sinifikanti bejn il-provinċji Netherlandiżi u li l-hotspots tat-tniġġis għall-konċentrazzjonijiet tan-nitrati fl-ilma ta' taħt l-art u l-ewtrotifikazzjoni jinsabu f'għadd ta' provinċji Netherlandiżi. F'*Limburg*, 36 % tal-istazzjonijiet tal-ilma ta' taħt l-art urew konċentrazzjonijiet medji ta' nitrati ta' aktar minn 50 mg/l u 22 % urew xejriet negattivi, filwaqt li 74 % tal-ilmijiet tal-wiċċ kienu ewtrotiċi u 16 % friskju li jsiru ewtrotiċi jekk ma tittieħed l-ebda miżura. F'*Noord-Brabant*, 26 % tal-istazzjonijiet tal-ilma ta' taħt l-art urew medja ta' konċentrazzjonijiet ta' nitrati ogħla minn 50 mg/l u 20 % urew xejriet negattivi, filwaqt li 68 % tal-ilmijiet tal-wiċċ kienu ewtrotiċi u 7 % friskju li jsiru ewtrotiċi jekk ma tkun tittieħed l-ebda miżura. F'*Zeeland*, 14 % tal-istazzjonijiet tal-ilma ta' taħt l-art urew konċentrazzjonijiet medji tan-nitrati ta' aktar minn 50 mg/l u 47 % urew xejriet negattivi, filwaqt li 80 % tal-ilmijiet tal-wiċċ kienu ewtrotiċi u 11 % friskju li jsiru ewtrotiċi jekk ma tittieħed l-ebda miżura. F'*Zuid-Holland*, 54 % tal-ilmijiet tal-wiċċ kienu ewtrotiċi u 17 % friskju li jsiru ewtrotiċi jekk ma tittieħed l-ebda miżura. F'*Noord-Holland*, 61 % tal-ilmijiet tal-wiċċ kienu ewtrotiċi u 19 % friskju li jsiru ewtrotiċi jekk ma tittieħed l-ebda miżura. F'*Utrecht*, 24 % tal-istazzjonijiet tal-ilma ta' taħt l-art urew xejriet negattivi fil-konċentrazzjonijiet ta' nitrati, filwaqt li 43 % tal-ilmijiet tal-wiċċ kienu ewtrotiċi u 10 % friskju li jsiru ewtrotiċi jekk ma tittieħed l-ebda miżura. F'*Gelderland*, 10 % tal-istazzjonijiet tal-ilma ta' taħt l-art urew konċentrazzjonijiet medji ta' nitrati ogħla minn 50 mg/l u 15 % urew xejriet negattivi. F'*Overijssel*, 18 % tal-istazzjonijiet tal-ilma ta' taħt l-art urew konċentrazzjonijiet medji ta' nitrati ta' aktar minn 50 mg/l u 19 % urew xejriet negattivi, filwaqt li 67 % tal-ilmijiet tal-wiċċ kienu ewtrotiċi u 4 % friskju li jsiru ewtrotiċi jekk ma tittieħed l-ebda miżura. Fi *Drenthe*, 15 % tal-istazzjonijiet tal-ilma ta' taħt l-art urew konċentrazzjonijiet medji ta' nitrati ta' aktar minn 50 mg/l, filwaqt li 65 % tal-ilmijiet tal-wiċċ kienu ewtrotiċi u 9 % friskju li jsiru ewtrotiċi jekk ma tittieħed l-ebda miżura. Fi *Friesland*, 23 % tal-istazzjonijiet tal-ilma ta' taħt l-art urew xejriet negattivi fil-konċentrazzjonijiet ta' nitrati, filwaqt li 85 % tal-ilmijiet tal-wiċċ kienu ewtrotiċi. Fi *Groningen*, 52 % tal-ilmijiet tal-wiċċ kienu ewtrotiċi u 11 % friskju li jsiru ewtrotiċi jekk ma tittieħed l-ebda miżura. Fi *Flevoland*, 33 % tal-ilmijiet tal-wiċċ kienu ewtrotiċi.

<sup>(6)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/820 tal-31 ta' Mejju 2018 li tagħti deroga mitluba min-Netherlands skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 137, 4.6.2018, p. 27).

<sup>(7)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1073 tas-17 ta' Lulju 2020 li tagħti deroga mitluba min-Netherlands skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 234, 21.7.2020, p. 20).

<sup>(8)</sup> COM(2021) 1000 u SWD(2021) 1001 il-parti 28.

<sup>(9)</sup> COM(2021) 1000 u SWD(2021) 1001 il-parti 28.

- (11) Id-*data* rrapportata min-Netherlands fl-2020 u fl-2021 fil-kuntest tar-rapporti skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1073 uriet żidiet fil-konċentrazzjonijiet ta' nitrati fl-ilma ta' taħt l-art f'żoni b'ħamrija "loess", ramlja u taflija. Fin-Nofsinhar u fil-Lvant tar-reġjun ta' ħamrija ramlja, il-konċentrazzjoni medja ta' nitrati fil-metru ta' fuq tal-ilma ta' taħt l-art kienet ta' 67 mg/l fl-2021. Dan jaqbeż il-valur ta' limitu tal-Unjoni ta' 50 mg/l. Mill-2017, il-konċentrazzjoni ta' nitrat irdoppjat f'din il-parti tar-reġjun ta' ħamrija ramlja. Il-konċentrazzjoni medja fit-Tramuntana tar-reġjun ta' ħamrija ramlja baqgħet aktar baxxa mill-valur ta' limitu tal-Unjoni, iżda żdiedet għal 37 mg/l fl-2021. Fir-reġjun ta' ħamrija loess, il-konċentrazzjoni medja naqset bi ftit għal 57 mg/l fl-2020, iżda għadha oġġla mill-valur ta' limitu tal-Unjoni. Fir-reġjun ta' ħamrija taflija, il-konċentrazzjonijiet tan-nitrati baqgħu taħt il-valur ta' limitu b'mod konsistenti, iżda madankollu żdiedu. Fir-reġjun tal-ħamrija tal-pit, l-aktar konċentrazzjonijiet baxxi ġew imkejla f'konċentrazzjoni medja ta' 14-il mg/l fl-2021. Id-*data* wriet ukoll li l-ilma taż-żona tal-għeruf mill-azzjenti agrikoli fin-network ta' monitoraġġ tad-deroga spiss qabeż in-normi ta' konċentrazzjoni tan-nitrati anki jekk il-valur medju baqa' taħt il-50 mg/l.
- (12) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 91/676/KEE, in-Netherlands japplikaw programm ta' azzjoni fit-territorju kollu tagħhom. Fis-26 ta' Diċembru 2021, in-Netherlands adottaw programm ta' azzjoni għdid għall-perjodu 2022-2025 <sup>(9)</sup> (is-Seba' Programm ta' Azzjoni dwar in-Nitrati), li jinkludi miżuri addizzjonali biex jitnaqqas it-telf tan-nutrijenti (in-nitroġenu u l-fosforu) fl-ambjent u huwa bbażat fuq approċċ reġjonali differenzjat skont il-livell tat-tniġġis tan-nutrijenti u fuq it-tip ta' ħamrija. Madankollu, il-valutazzjoni tal-impatt fuq l-ambjent, imwettqa bi thejġija għas-Seba' Programm ta' Azzjoni dwar in-Nitrati mill-kummissjoni xjentifika konsultattiva għall-awtoritajiet Netherlandiżi (Commissie van Deskundigen Meststoffenwet), sabet li l-effetti potenzjali tal-programm ta' azzjoni ma jkunux biżżejjed biex jintlaħqu l-oġġettivi dwar il-kwalità tal-ilma. Fil-25 ta' Frar 2022, in-Netherlands adottaw Addendum <sup>(10)</sup> għas-Seba' Programm ta' Azzjoni dwar in-Nitrati li jirreferi għall-Programm Nazzjonali għaż-Żoni Rurali <sup>(11)</sup> li jstabbilixxi approċċ integrali għan-natura, l-ilma u l-klima, inklużi l-emissjonijiet tan-nitroġenu, biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni. Permezz tal-Addendum, il-Gvern Netherlandiż ifittex li jsarraf l-ambizzjonijiet tiegħu f'miżuri konkreti li għandhom l-għan li jilhq u l-miri tal-kwalità tal-ilma għan-nutrijenti minn sorsi agrikoli.
- (13) Is-Seba' Programm ta' Azzjoni dwar in-Nitrati 2022-2025 u l-Addendum tiegħu jstabbilixxu l-isforzi meħtieġa għal kull reġjun biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-kwalità tal-ilma rigward in-nitrati u l-fosforu minn sorsi agrikoli kif speċifikat mid-Direttiva 91/676/KEE u l-pjan Netherlandiż ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara adottat fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(12)</sup>. Għall-konċentrazzjonijiet tan-nitrati fl-ilma ta' taħt l-art, ir-reġjuni ta' *Zand Noord*, *Zand Oost*, *Westelijk Noord-Brabant*, *Centraal zeelei*, *Zuidwestelijk zeeleigebied*, *Westelijk zandgebied* jeħtieġu xi sforz biex jilhq u l-miri, filwaqt li r-reġjuni ta' *Gelderse Vallei*, *Oostelijk Noord-Brabant en Limburg Zand*, *Lössgebied* jeħtieġu sforz *sinifikanti* biex jilhq uhom. Għall-konċentrazzjonijiet tal-fosforu fl-ilma tal-wiċċ (ewtrofikazzjoni), ir-reġjuni ta' *Zand Noord*, *Zand Oost*, *Westelijk Noord-Brabant*, *Oostelijk Noord-Brabant en Limburg Zand*, *Noordelijk zeeleigebied*, *Centraal zeelei Zuidwestelijk zeeleigebied* jeħtieġu xi sforz biex jilhq u l-miri, filwaqt li r-reġjuni ta' *Gelderse Vallei*, *Lössgebied*, *Westelijk Zeelei*, *Westelijk veengebied*, *Westelijk zandgebied* jeħtieġu sforz *sinifikanti* biex jilhq uhom. Dan huwa konsistenti mad-*data* rrapportata min-Netherlands skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 91/676/KEE.
- (14) In-Netherlands se jadottaw deżinjazzjoni għdida ta' żoni mniġġsa min-nitrati u l-fosforu minn sorsi agrikoli (*żoni mniġġsa bin-nutrijenti*), li jenħtieġ li jinkludu ż-żoni kollha ta' qbid għall-punti ta' monitoraġġ għall-ilma ta' taħt l-art u għall-ilma tal-wiċċ li juru tniġġis medju tan-nitrati jew avvenimenti okkażjonali ta' tniġġis tan-nitrati, li jkunu friskju li jiġu mniġġsa u li jiżdiedu x-xejriet, kif ukoll il-monitoraġġ ta' punti li juru ewtrofikazzjoni jew li jkunu friskju li jsiru ewtrofiċi. Id-deżinjazzjoni jenħtieġ li tqis ukoll il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari, id-deċiżjonijiet fil-kawżi C-221/03 <sup>(13)</sup> u C-543/16 <sup>(14)</sup>. Jekk ma jkun hemm l-ebda deżinjazzjoni għdida fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024, iż-żoni kollha fejn ikunu meħtieġa xi sforzi jew sforzi sinifikanti se jiġu ddeżinjati bħala żoni mniġġsa bin-nutrijenti.

<sup>(9)</sup> It-titolu oriġinali "7e Nederlandse actieprogramma betreffende de Nitraatrichtlijn (2022-2025)".

<sup>(10)</sup> It-titolu oriġinali "Addendum op het 7e actieprogramma Nitraatrichtlijn".

<sup>(11)</sup> Nationaal Programma Landelijk Gebied.

<sup>(12)</sup> Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

<sup>(13)</sup> Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Settembru 2005, C 221/03, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs ir-Renju tal-Belġju, ECLI:EU:C:2005:573.

<sup>(14)</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-21 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni Ewropea vs ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, C-543/16, ECLI:EU:C:2018:481.

- (15) Din it-talba għal deroga jenħtieġ li titqies fil-kuntest usa' tal-politika tal-UE fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' ġestjoni tan-nutrijenti, b'mod partikolari, l-oġġettivi u l-miri tad-Direttivi 2000/60/KE, 2006/118/KE <sup>(15)</sup> u 2008/56/KE <sup>(16)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-ambizzjoni dejjem akbar tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi <sup>(17)</sup> u l-Pjan Strateġiku tal-PAK għan-Netherlands <sup>(18)</sup>, kif ukoll l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew dwar it-tniġġis tan-nutrijenti. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jistabbilixxi oġġettivi għall-Unjoni biex tnaqqas it-telf tan-nutrijenti, u biex tillimita l-gassijiet serra mhux tas-CO<sub>2</sub>, jiġifieri l-metan u l-ossidu nitruż, li l-fertilizzazzjoni u l-bhejjem huma sors ewlieni tagħhom. B'mod partikolari, l-Unjoni impenjat ruħha, fl-Istrateġija "mill-Għalqa sal-Platt" <sup>(19)</sup> u fil-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero <sup>(20)</sup>, li tnaqqas it-telf tan-nutrijenti b'50 % fl-2030, li jwassal għal tnaqqis ta' 20 % fil-fertilizzanti, u jippreżerva l-fertilità tal-ħamrija, u li tnaqqas b'25 % iż-żoni tal-ekosistemi tal-UE, imkejla bħala żoni 'l fuq minn "tagħbijiet kritiċi" tad-depożizzjoni tan-nitroġenu, fejn it-tniġġis tal-arja jhedded il-bijodiversità.
- (16) Fil-"proposta inizjali għall-Programm Nazzjonali għaż-żoni Rurali" tal-10 ta' Ġunju 2022 <sup>(21)</sup>, il-Gvern Netherlandiż jinnota li "Fiż-żoni tat-torbiera, iż-żoni ta' Natura 2000, iż-żoni ta' protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, il-korsiji tal-ilma vulnerabbli, u ż-żoni ta' lqugħ madwar is-siti ta' Natura 2000 huma l-akbar sfidi. F'dawk iż-żoni, il-bdiewa jkollhom aktar restrizzjonijiet fuq in-negozju jew anqas opportunitajiet ta' żvilupp. L-estensifikazzjoni tal-agrikoltura hija mbagħad l-aktar rotta xierqa". Hemm ukoll "impenn biex jinħolqu żoni tranżizzjonali madwar is-siti ta' Natura 2000". "Żoni tranżizzjonali (żoni ta' lqugħ) madwar iż-żoni ta' Natura 2000 huma żoni maġenb is-siti ta' Natura 2000 li jikkontribwixxu għar-restawr tas-sistema biex tinżamm u tiġi restawrata l-bijodiversità fis-sit ta' Natura 2000 ikkonċernat".
- (17) Il-Kummissjoni eżaminat it-talba Olandiża għal deroga filwaqt li qieset ir-rekwiżiti u l-oġġettivi tad-Direttiva 91/676/KEE u l-esperjenza mid-deċiżjonijiet preċedenti ta' deroga u fid-dawl tas-Seba' Programm ta' Azzjoni dwar in-Nitrati u l-Addendum tiegħu. Hija eżaminat ukoll ix-xejriet fil-kwalità tal-ilma u qieset l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ li jiġi żgurat perjodu ta' deroga tranżizzjonali prevedibbli ta' massimu ta' 4 snin għall-bdiewa tal-bwar sakemm ir-riformi ppjanati kif stabbiliti fl-Addendum jiġu kompletament inkorporati fil-liġi Netherlandiża u li jakkumpanja l-implimentazzjoni gradwali tar-riformi l-ġodda. Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-ilħuq tal-oġġettivi tad-Direttiva 91/676/KEE jirrikjedi li n-Netherlands jissodisfaw kundizzjonijiet addizzjonali stretti, b'mod partikolari, iżda mhux biss, fiż-żoni mniġġsa bin-nutrijenti. Id-deroga mitluba jenħtieġ li tappoġġa l-perkors ta' riforma definit fl-Addendum u fil-Programm Nazzjonali għaż-Żoni Rurali.
- (18) Id-deroga mogħtija b'din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-obbligi tan-Netherlands li japplikaw id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE <sup>(22)</sup> u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-293/17 <sup>(23)</sup>, b'mod partikolari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(3) ta' dik id-Direttiva; u li japplikaw id-Direttiva 2000/60/KE u d-Direttiva 2008/56/KE u ma teskludix li jistgħu jkunu meħtieġa miżuri addizzjonali biex jiġu ssodisfati l-obbligi derivati minn dawn id-Direttivi.

<sup>(15)</sup> Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19).

<sup>(16)</sup> Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin (Id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

<sup>(17)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

<sup>(18)</sup> SWD(2020) 93 final - Analiżi tar-rabtiet bejn ir-Riforma tal-PAK u l-Patt Ekoloġiku; SWD(2020) 388 final - Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-pjan strateġiku tal-PAK tan-Netherlands. SWD(2020) 388 final.

<sup>(19)</sup> Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent. COM(2020) 381 final.

<sup>(20)</sup> COM(2021) 400 final

<sup>(21)</sup> It-titolu originali "Startnotitie Nationaal Programma Landelijk Gebied – 10 Juni 2022".

<sup>(22)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

<sup>(23)</sup> Il-Kawża C-293/17 Coöperatie Mobilisation for the Environment and Vereniging Leefmilieu (ECLI:EU:C:2018:882).

- (19) Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-awtorizzazzjoni ta' ammonti addizzjonali ta' demel għal kull ettaru fis-sena ma ddewwimx jew tqiegħed friskju r-reqwiżiti ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li għaliha t-tniġġis tan-nitroġenu u tal-fosforu jista' jkun ostaklu biex jintlaħqu l-oġġettivi tagħha. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtorizzazzjonijiet nazzjonali għal derogi għal bdiewa individwali ma jkunux permessi f'żoni ta' protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art u f'żoni ta' Natura 2000, jew fi ħdan iż-żoni ta' l-qugh madwar iż-żoni Natura 2000 kif definiti fil-Programm Nazzjonali Netherlandiż għaż-Żoni Rurali, u li d-daqs tagħhom se jiġi speċifikat fl-2023.
- (20) Id-densità tal-bhejjem fin-Netherlands għadha għolja ħafna; fl-2016, kienet l-ogħla fl-Unjoni, kważi ħames darbiet ogħla mill-medja tal-Unjoni. Skont id-*data* pprovduta min-Netherlands, fil-perjodu mill-2019 sal-2021 il-bhejjem totali naqsu bi 2,5 %, filwaqt li l-għadd ta' baqar żdied.
- (21) Il-produzzjoni kumplessiva tad-demel tal-2020 jenħtieġ li ma tinqabiżx. Dan il-limitu tal-produzzjoni massima tad-demel se jkun inkorporat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali fl-1 ta' Jannar 2024. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tar-riformi ppjanati skont il-Programm Nazzjonali għaż-Żoni Rurali jenħtieġ li twassal għal tnaqqis gradwali tal-produzzjoni tad-demel sa tmiem il-validità tad-Deċiżjoni attwali.
- (22) B'mod partikolari, f'żoni mniġġsa bin-nutrijenti, huwa meħtieġ li s-Seba' Programm ta' Azzjoni dwar in-Nitrati u l-Addendum tiegħu jiġu kkomplementati b'miżuri speċifiċi rikonoxxuti għall-effettività tagħhom fil-ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti fil-livell tal-azjenda agrikola u fit-tnaqqis tat-telf tan-nutrijenti fl-ilma ta' taħt l-art u fl-ilma ħelu.
- (23) In-Netherlands stabbilew strateġija msaħħa ta' infurzar biex iżidu l-prevenzjoni tal-frodi fl-implimentazzjoni tal-politika tagħhom dwar id-demel. Dik l-istrateġija ġiet implimentata fis-snin 2020-2021, iżda ġarrbet xi dewmien ukoll minħabba l-pandemija tal-COVID. L-implimentazzjoni tal-istrateġija tul l-assi ewlenin ta' azzjoni tagħha jeħtieġ li tiġi segwita b'mod effettiv u estiża għal reġjuni oħra fejn il-valutazzjoni indipendenti turi riskju sinifikanti ta' nuqqas ta' konformità intenzjonat mar-regoli dwar il-ġestjoni tad-demel. Il-perjodu ta' tranżizzjoni għar-riformi agrikoli ppjanati jista' jwassal ukoll għal żieda fil-frodi, u għalhekk il-kontrolli jenħtieġ li jiġu intensifikati.
- (24) L-awtorizzazzjonijiet lill-bdiewa individwali huma soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-fertilizzazzjoni fil-livell tal-azjenda agrikola tkun ibbażata fuq il-ħtiġijiet tal-għelejjeġ u biex jipprevjenu t-telf ta' nitroġenu u fosfat fl-ilma. Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li jkunu addizzjonali għall-miżuri li diġà qed jiġu applikati permezz tas-Seba' Programm ta' Azzjoni dwar in-Nitrati u l-Addendum tiegħu.
- (25) In-Netherlands huma meħtieġa jimplementaw il-miżuri kollha stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(24)</sup> għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ammonijaka. Ir-rapport dwar l-impatt tad-Direttiva 91/676/KEE fuq l-emissjonijiet gassużi tan-nitroġenu <sup>(25)</sup> ikkonkluda li fxi reġjuni b'densità għolja ta' bhejjem, id-deroga tista' tirriżulta f'emissjonijiet gassużi ogħla. Għalhekk, jenħtieġ li jittieħdu miżuri xierqa biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka, inklużi tekniki ta' tixrid b'emissjonijiet baxxi, fejn meħtieġ flimkien ma' temperatura massima li fiha jista' jiġi applikat id-demel u obbligu strett ta' inkorporazzjoni immedjata fil-ħamrija tad-demel/tad-demel likwidu meta jiġi applikat fuq l-għelieqi.

<sup>(24)</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

<sup>(25)</sup> The impact of the Nitrates Directive on gaseous N emissions, Effects of measures in nitrates action programme on gaseous N emissions, Contract ENV.B.1/ETU/2010/0009.

- (26) Il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' din id-Deċiżjoni huma kkunsidrati bħala l-verżjoni tar-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni stabbiliti fil-liġi nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 12 u 13 tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(26)</sup>, u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 9 ta' din id-Deċiżjoni huma kkunsidrati għall-entitajiet li jibbenefikaw minn derogi bħala l-verżjoni tar-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni stabbiliti fil-liġi nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 12 u 13 tar-Regolament (UE) 2021/2115.
- (27) In-Netherlands iridu jikkonformaw mal-oġettivi dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030. Konverżjoni tal-użu tal-art minn art bil-ħaxix għal raba' li jinħadem twassal għal żieda fl-emissjonijiet tal-karbonju fil-ħamrija u xxekkel il-konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(27)</sup>.
- (28) Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(28)</sup> tistabbilixxi r-regoli ġenerali maħsuba għall-istabbiliment tal-Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fl-Unjoni għall-finijiet tal-politiki ambjentali tal-Unjoni u tal-politiki jew l-attivitajiet tal-Unjoni li jaf iħallu impatt fuq l-ambjent. Meta applikabbli, jenħtieġ li l-infurmazzjoni ġeografika miġbura fil-kuntest ta' din id-Deċiżjoni tkun konformi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dik id-Direttiva. Barra minn hekk, sabiex inaqqsu l-piż amministrattiv u jżidu l-koerenza tad-*data*, jenħtieġ li n-Netherlands, huma u jiġbru d-*data* neċessarja skont din id-Deċiżjoni, fejn xieraq, jużaw l-infurmazzjoni ġġenerata bis-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll stabbilita min-Netherlands skont l-Artikolu 67(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(29)</sup>.
- (29) Din id-Deċiżjoni tiegħa applika fil-31 ta' Diċembru 2025.
- (30) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar in-Nitrati stabbilit skont l-Artikolu tad-Direttiva 91/676/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

### Deroga

Id-deroga mitluba min-Netherlands permezz tal-ittra tal-25 ta' Frar 2022, bil-għan li tippermetti l-applikazzjoni fl-art ta' ammont ogħla ta' nitroġenu mid-demel tal-bhejjem li jirgħu minn dak previst fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, l-ewwel sentenza tad-Direttiva 91/676/KEE tingħata bħala miżura tranżizzjonali biex takkumpanja r-riformi tas-settur tal-agrikoltura u tal-bhejjem fin-Netherlands sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ambjentali u klimatiċi tal-UE fir-rigward tal-emissjonijiet tan-nitroġenu (inkluża l-ammonijaka) u n-nutrijenti fl-ilma (inkluża d-Direttiva 91/676/KEE), u soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

<sup>(26)</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jstabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-politika agrikola komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

<sup>(27)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

<sup>(28)</sup> Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

<sup>(29)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

## Artikolu 2

### Ambitu tad-deroga

Id-deroga tapplika għall-azjendi tal-bwar li għalihom ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 6.

## Artikolu 3

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "azjenda tal-bwar" tfisser kull azjenda fejn mill-inqas 80 % mir-raba' li jista' jiddemmel ikun haix;
- (2) "bhejjem li jirgħu" tfisser bhejjem tal-ifrat (għajr għall-għoġġiela tas-simna), nagħaġ, mogħoż, żwiemel, ħmir, ċriev u bufli tal-ilma;
- (3) "raba'" tfisser l-erja li tkun proprjetà tal-bidwi, jew mikrija jew ġestita minnu abbażi ta' kuntratt individwali bil-miktub, li fiha l-bidwi jkollu r-responsabbiltà diretta tal-ġestjoni;
- (4) "bur" tfisser bur permanenti jew temporanju li ilu inqas minn ħames snin;
- (5) "pjan tal-fertilizzazzjoni" tfisser kalkolu tal-użu ppjanat u tad-disponibbiltà tan-nutrijenti;
- (6) "kont tal-fertilizzazzjoni" tfisser il-bilanċ tan-nutrijenti abbażi tal-użu reali u l-assorbiment tan-nutrijenti;
- (7) "reġistru tal-fertilizzazzjoni" tfisser sistema elettronika li permezz tagħha l-bdiewa jirrapportaw dwar l-użi reali tan-nutrijenti u l-ġestjoni tad-demel;
- (8) "ħamrija ramlija tan-Nofsinar u taċ-ċentru" tfisser ħamrija indikata bħala ħamrija ramlija tan-Nofsinar u ħamrija ramlija taċ-ċentru skont il-leġiżlazzjoni Netherlandiża, l-Artikolu 1 il-paragrafu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar l-Att dwar il-Fertilizzanti <sup>(30)</sup>;
- (9) "ħamrija loess" tfisser ħamrija indikata bħala ħamrija loess skont il-leġiżlazzjoni Netherlandiża l-Artikolu 1 il-paragrafu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar l-Att dwar il-Fertilizzanti;
- (10) "nutrijenti" tirreferi għan-nitroġenu u għall-fosfat.

## Artikolu 4

### Kundizzjonijiet ġenerali tad-deroga

Id-deroga qed tingħata bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. In-Netherlands għandhom jiżviluppaw deżinjazzjoni ġdida u mappa ġdida taż-żoni mniġġsa min-nitrati u l-fosforu minn sorsi agrikoli (*żoni mniġġsa bin-nutrijenti*) sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2024, li tinkludi ż-żoni kollha ta' qbid għall-punti ta' monitoraġġ għall-ilma ta' taħt l-art u għall-ilma tal-wiċċ li juru tniġġis medju tan-nitrati jew avvenimenti okkażjonali ta' tniġġis tan-nitrati, friskju li jkunu kkontaminati u li jiżdiedu x-xejriet, kif ukoll punti ta' monitoraġġ li juru ewtrofikazzjoni jew li huma friskju li jsiru ewtrofiċi.

Bħala miżura tranżizzjonali u sakemm id-deżinjazzjoni l-ġdida tkun fis-seħħ sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2024, iż-żoni mniġġsa bin-nutrijenti se jkopru l-ħamrija ramlija tan-Nofsinar u taċ-ċentru u ż-żoni tal-ħamrija loess, kif ukoll, mill-1 ta' Jannar 2023, iż-żoni ta' qbid iddefiniti mill-korpi tal-ilma reġjonali u kkwalfikati bħala żoni inadegwati tan-nutrijenti (ħżiena, foqra u moderati) fl-analiżi nazzjonali tal-kwalità tal-ilma (2020) <sup>(31)</sup> mill-Aġenzija għall-Valutazzjoni Ambjentali tan-Netherlands (PBL).

Mill-1 ta' Jannar 2024, għandhom ikunu fis-seħħ deżinjazzjoni finali u mappa taż-żoni mniġġsa bin-nutrijenti u għandhom jinkludu mill-inqas iż-żoni ddeżinjati fl-2023 kif ukoll kwalunkwe żona addizzjonali oħra fejn il-kontribut mill-agrikoltura għat-tniġġis bin-nutrijenti huwa sinifikanti, jiġifieri aktar minn 19 % tat-tagħbija totali tan-nutrijenti.

<sup>(30)</sup> It-titolu originali "Uitvoeringsregeling Meststoffenwet".

<sup>(31)</sup> [https://www.pbl.nl/sites/default/files/downloads/pbl-2020-nationale-analyse-waterkwaliteit-4002\\_0.pdf](https://www.pbl.nl/sites/default/files/downloads/pbl-2020-nationale-analyse-waterkwaliteit-4002_0.pdf).

Jekk id-deżinjazzjoni finali u l-mappa taż-żoni mniġġsa bin-nutrijenti ma jkunux fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024, għandha tintuża d-deżinjazzjoni pprovduta fis-Seba' Programm ta' Azzjoni dwar in-Nitrati u fl-Addendum tiegħu, li tinkludi ż-żoni kollha fejn huma meħtieġa xi sforzi jew sforzi sinifikanti biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-kwalità tal-ilma rigward il-konċentrazzjonijiet tan-nitrati u tal-fosforu kif speċifikati mid-Direttiva 91/676/KEE u l-pjan Netherlandiż ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara adottat fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE.

2. In-Netherlands għandhom jimmonitorjaw l-ammont ta' demel prodott u jiżguraw li l-produzzjoni tad-demel fil-livell nazzjonali, kemm f'termini ta' nitroġenu kif ukoll ta' fosfat, ma taqbiżx 489,4 miljun kg ta' nitroġenu u 150,7 miljun kg ta' fosfat (l-ammont prodott fl-2020), u li, bħala riżultat tar-riformi stabbiliti fl-Addendum li qed jiġi implimentat, l-ammont ta' demel prodott jonqos gradwalment, u fl-2025 ma jaqbiżx 440 miljun kg ta' nitroġenu u 135 miljun kg ta' fosfat.
3. Mill-1 ta' Jannar 2023, in-Netherlands ma għandhomx jagħtu awtorizzazzjonijiet għal derogi kif imsemmi fl-Artikolu 5 ta' din id-Deċiżjoni fi ħdan is-siti ta' Natura 2000 stabbiliti f'konformità mad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(32)</sup> u d-Direttiva 92/43/KEE, u, mill-1 ta' Jannar 2024, f'żoni ta' lqugħ qrib is-siti ta' Natura 2000 kif speċifikat mill-Programm Nazzjonali għaż-Żoni Rurali, li għalihom tinqabeż it-tagħbija kritika tan-nitroġenu għad-depożizzjoni tan-nitroġenu.
4. Mill-1 ta' Jannar 2023, in-Netherlands ma għandhomx jagħtu awtorizzazzjonijiet għal derogi kif imsemmi fl-Artikolu 5 ta' din id-Deċiżjoni fiż-żoni ta' protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art. F'żoni fejn l-ilma ta' taħt l-art ikun imniġġes bin-nitrati, għandu jiġi applikat pakkett ta' miżuri obligatorji biex jitnaqqsu t-tagħbijiet tan-nutrijenti fiż-żoni ta' protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art sal-1 ta' Jannar 2024.
5. In-Netherlands għandhom jistabbilixxu l-miżuri li ġejjin:
  - (a) minn Jannar 2023, l-azjendi agrikoli kollha għandhom ifasslu pjan annwali ta' fertilizzazzjoni qabel l-istaġun tat-tkabbir. Il-pjan tal-fertilizzazzjoni għandu jiddeskrivi n-newba tal-għelejjel tar-raba', kif ukoll l-applikazzjoni pplanata tat-tidmil u ta' fertilizzanti oħra tan-nitroġenu u tal-fosfati.
  - (b) għandu jkun hemm reġistru elettroniku tal-fertilizzanti fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2024 li jirreġistra l-applikazzjoni ta' fertilizzanti minerali u l-produzzjoni u l-applikazzjoni tad-demel fuq l-art. Sal-1 ta' Jannar 2025, l-azjendi agrikoli kollha għandhom jużaw ir-reġistru elettroniku. L-awtoritajiet Netherlandiżi għandhom jimmonitorjaw u janalizzaw ir-rati ta' applikazzjoni tal-fertilizzanti u jipprovdu pariri lill-bdiewa dwar metodi biex jitnaqqsu r-rati ġenerali ta' applikazzjoni.
  - (c) biċċiet ta' art ta' lqugħ fuq art agrikola tul il-mogħdijiet tal-ilma li fuqhom hija pprojbita l-fertilizzazzjoni. Dan japplika mill-1 ta' Jannar 2023 għall-mogħdijiet kollha tal-ilma fuq biċċiet tar-raba' li jinsabu fin-Netherlands. Il-biċċiet ta' art ta' lqugħ għandhom jiġu stabbiliti kif ġej:
    - (i) biċċiet ta' art ta' lqugħ b'wisa' minima ta' 5 metri tul nixxiġat u korpi tal-ilma tal-wiċċ vulnerabbli ekoloġiċi kif iddefiniti skont id-Direttiva 2000/60/KE;
    - (ii) biċċa art ta' lqugħ b'wisa' minima ta' 3 metri tul il-mogħdijiet tal-ilma l-oħra kollha f'żoni agrikoli, inkluż għall-gandotti.Dawn il-wisgħat minimi jistgħu jiġu aġġustati f'żoni b'gandotti tat-tneħħija tal-ilma u tal-irrigazzjoni sinifikanti bil-mod li ġej:
    - biċċa art ta' lqugħ b'wisa' ta' 3 metri tul il-korpi tal-ilma tal-wiċċ kif definita skont id-Direttiva 2000/60/KE fejn l-erja totali fil-livell tal-irqajja ta' biċċa art ta' lqugħ b'wisa' ta' 5 metri tkun tinkludi aktar minn 4 % tal-biċċa raba'. Meta l-erja totali fil-livell tal-irqajja ta' biċċa art ta' lqugħ b'wisa' ta' 3 metri tul korpi tal-ilma tal-wiċċ kif definiti fid-Direttiva 2000/60/KE li ma jkunux akbar minn 10 metri tkun tinkludi aktar minn 4 % tal-biċċa raba', il-biċċa art ta' lqugħ tista' titnaqqas għal metru.
    - biċċa art ta' lqugħ b'wisa' ta' metru tul il-mogħdijiet l-oħra kollha tal-ilma f'żoni agrikoli fejn l-erja totali fil-livell tal-irqajja ta' biċċa art ta' lqugħ b'wisa' ta' 3 metri tkun tinkludi aktar minn 4 % tal-biċċa raba'. Meta l-erja totali fil-livell tal-irqajja ta' biċċa art ta' lqugħ b'wisa' ta' metru tkun tinkludi aktar minn 4 % tal-biċċa raba', il-biċċa art ta' lqugħ tista' titnaqqas għal 0,5 metri.
  - (iii) biċċa art ta' lqugħ b'wisa' minima ta' metru tul il-mogħdijiet tal-ilma li jinxfu fis-sajf (dawk il-mogħdijiet tal-ilma jkunu xotti mill-inqas matul il-perjodu mill-1 ta' April sal-1 ta' Ottubru).

<sup>(32)</sup> Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).



- (d) F'żoni mniġġsa bin-nutrijenti, għandha tapplika l-kundizzjoni li ġejja: ir-rata ġenerali ta' fertilizzazzjoni minn fertilizzanti organiċi u kimiċi għandha titnaqqas gradwalment sabiex ir-rati jkunu 20 % inqas mill-1 ta' Jannar 2025 meta mqabbla mar-rati ppubblikati fl-Anness tas-Seba' Programm ta' Azzjoni dwar in-Nitrati. Jekk ir-reviżjoni ppjanata tan-normi ta' fertilizzazzjoni tistabbilixxi valuri aktar baxxi, din tal-aħħar għandha tipprevali.
6. In-Netherlands għandhom isegwu l-implimentazzjoni tal-istrategġija tal-infurzar imsaħħa, filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza skont l-implimentazzjoni tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1073. L-istrategġija tal-infurzar imsaħħa għandha tinkludi, bħala minimu, l-elementi li ġejjin:
- (a) valutazzjoni tar-riskju indipendenti kontinwa ta' każijiet ta' frodi u identifikazzjoni ta' żoni u atturi tal-immaniġġar u l-ġestjoni tad-demel b'riskju oġhla ta' nuqqas ta' konformità intenzjonata mar-regoli nazzjonali dwar id-demel, speċifikati mir-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar l-Att dwar il-Fertilizzanti <sup>(33)</sup>, id-Digriet dwar l-użu tal-fertilizzanti <sup>(34)</sup>, u d-Digriet dwar l-Attivitajiet ta' Ġestjoni Ambjentali <sup>(35)</sup> sa fejn jikkonċerna żoni ħielsa mill-ghelejjejl, jew skonthom;
- (b) l-implimentazzjoni kontinwa ta' infurzar imsaħħaħ f'De Peel, Gelderse Vallei u Twente, identifikati bħala żoni ta' riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità intenzjonat mar-regoli nazzjonali dwar id-demel; l-istrategġija msaħħa tal-infurzar għandha tiġi estiża progressivament qabel tmiem l-2025 għar-reġjuni l-oħrajn kollha fejn il-valutazzjoni turi li jinsabu f'żona ta' riskju għoli, filwaqt li jitqiesu l-esperjenza u l-aħjar Prattiki miksuba;
- (c) fokus speċifiku tal-istrategġija tal-infurzar fuq l-atturi b'riskju għoli fil-katina tal-valur tad-demel, inklużi l-intermedjarji u l-kodiġesturi fir-reġjuni kollha;
- (d) is-sistema awtomatizzata għar-responsabbiltà f'ħin reali tat-trasport tad-demel li tibda fl-1 ta' Jannar 2023;
- (e) tisħiħ kontinwu tal-kapaċità għall-ispezzjonijiet u għall-kontrolli, li għandha tkun tal-inqas daqs 40 % mill-kapaċità meħtieġa għall-ispezzjonijiet fuq il-post tal-azjendi tal-bwar koperti minn awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 11(2), inklużi l-kontrolli aleatorji, u mmirar aħjar ta' dik il-kapaċità lejn l-oqsma ta' riskju fl-amministrazzjoni u fil-ġestjoni tad-demel;
- (f) spezzjoni individwali ta' mill-inqas 5,5 % tat-trobbija tal-ħnieżer kull sena.

#### Artikolu 5

### Applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni

1. Il-bdiewa tal-bwar jistgħu jippreżentaw lill-awtorità kompetenti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni annwali biex jiġi applikat ammont oġhla ta' demel tal-bhejjem li jirgħu, inkluż demel imneħħi mill-annimali nfushom, biex ikun l-ammont ta' demel għal kull ettaru fis-sena li jkun fiha:

- (a) għall-2022, sa 230 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru u għal kull sena f'żoni mniġġsa bin-nutrijenti u sa 250 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru u fis-sena f'żoni oħra;
- (b) għall-2023, sa 220 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru u għal kull sena f'żoni mniġġsa bin-nutrijenti u sa 240 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru f'żoni oħra;
- (c) għall-2024, sa 210 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru u għal kull sena f'żoni mniġġsa bin-nutrijenti u sa 230 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru f'żoni oħra;
- (d) għall-2025, sa 190 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru u għal kull sena f'żoni mniġġsa bin-nutrijenti u sa 200 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru f'żoni oħra;
- (e) wara l-31 ta' Diċembru 2025, sa 170 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru u kull sena f'żoni kollha.

<sup>(33)</sup> It-titolu oriġinali "Uitvoeringsregeling Meststoffenwet".

<sup>(34)</sup> It-titolu oriġinali "Besluit gebruik meststoffen".

<sup>(35)</sup> It-titolu oriġinali "Activiteitenbesluit milieubeheer".

2. Flimkien mal-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-applikanti għandhom jippreżentaw dikjarazzjoni bil-miktub li huma jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 7, 8 u 9 u li huma jaċċettaw li l-applikazzjoni, kif ukoll il-pjan tal-fertilizzazzjoni u l-kont tal-fertilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 7, jistgħu jkunu soġġetti għall-ispezzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 11 ta' din id-Deċiżjoni.

#### Artikolu 6

### L-ġhoti ta' awtorizzazzjonijiet

L-awtorizzazzjonijiet lill-azjendi tal-bwar biex japplikaw ammont ogħla ta' demel tal-bhejjem li jirgħu fl-azjendi tal-bwar, inkluż id-demel imneħħi mill-annimali nfushom, għandhom jingħataw soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 7, 8 u 9.

#### Artikolu 7

### Kundizzjonijiet rigward l-applikazzjoni tad-demel u ta' fertilizzanti oħra f'azjendi tal-bwar li jibbenefikaw minn deroga

1. L-ammont ta' demel mill-bhejjem li jirgħu applikat fuq l-art kull sena f'azjendi tal-bwar, inkluż demel imneħħi mill-annimali nfushom, ma għandux jaqbeż l-ammonti speċifikati fl-Artikolu 5.
2. Il-fosfat minn fertilizzanti kimiċi ma għandux jintuża fl-azjenda tal-bwar.
3. L-azjenda tal-bwar għandha tagħmel pjan ta' fertilizzazzjoni sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar. Il-pjan għandu jinkludi mill-inqas l-elementi elenkati fl-Artikolu 7(4) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1073. Il-pjan ta' fertilizzazzjoni għandu jiġi rivedut mhux aktar tard minn sebat ijiem wara kwalunkwe bidla fil-prattiki agrikoli fl-azjenda tal-bwar.
4. L-azjenda tal-bwar għandha żżomm kont ta' fertilizzazzjoni għal kull sena kalendarja. Dan għandu jiġi ppreżentat lill-awtorità kompetenti sal-31 ta' Marzu tas-sena kalendarja sussegwenti. Il-kont tal-fertilizzazzjoni għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:
  - (a) l-erjas bl-għelejjel;
  - (b) l-ġhadd u t-tip ta' bhejjem;
  - (c) il-produzzjoni tad-demel għal kull animal;
  - (d) l-ammont ta' fertilizzanti impurtati mill-azjenda tal-bwar;
  - (e) l-ammont ta' demel li jingħata lill-kuntratturi u li għalhekk ma jintużax fl-azjenda tal-bwar u l-isem ta' dawk il-kuntratturi.
5. L-azjenda tal-bwar għandha twettaq analiżi tan-nitroġenu u tal-fosforu fil-ħamrija mill-inqas kull 4 snin għal kull żona omoġenja tal-azjenda agrikola, fir-rigward tan-newba tal-għelejjel u l-karatteristiċi tal-ħamrija. Bħala minimu għandu jkun hemm analiżi waħda għal kull ħames ettari ta' art. Abbażi ta' dik l-analiżi, għandhom jiġu applikati l-pjan ta' fertilizzazzjoni tal-azjenda agrikola u l-miżuri korrettivi.
6. Meta l-bwar jinħarat għat-tiġdid tal-bwar, l-istandard tal-applikazzjoni tan-nitroġenu għandu jitnaqqas b'50 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru wara l-31 ta' Mejju ta' kull sena kalendarja. Meta l-bwar jinħarat għall-kultivazzjoni tal-qamħirrum, l-istandard tal-applikazzjoni tan-nitroġenu għall-qamħirrum għandu jitnaqqas b'65 kg ta' nitroġenu għal kull ettaru.
7. Meta n-newba tal-għelejjel tkun tinkludi l-pjanti leguminużi jew pjanti oħrajn li jassorbu in-nitroġenu atmosferiku, iż-żieda tal-fertilizzant għandha titnaqqas kif xieraq.
8. Ma għandux jingħata d-demel fil-ħarifa qabel il-kultivazzjoni tal-ħaxix.

*Artikolu 8***Kundizzjonijiet rigward il-ġestjoni tal-art f'azjendi tal-bwar li jibbenefikaw minn deroga**

1. Fiż-żoni mniġġsa bin-nutrijenti, wara l-qamħirrum għandu jiġi kkultivat il-ħaxix jew għelejjel oħra li jiżguraw il-kopertura tal-ħamrija fix-xitwa.
2. L-għelejjel tat-titwiq ma għandhomx jinħartu qabel l-1 ta' Frar.
3. Fiż-żoni mniġġsa bin-nutrijenti, il-ħaxix għandu jinħarat biss fir-rebbiegħa, ħlief:
  - (a) għat-tiġdid tal-bwar, li jista' jsir sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu;
  - (b) għat-tħawwil tal-basal tal-fjuri, li jista' jsir fil-ħarifa.
4. Il-ħrit tal-ħaxix f'kull tip ta' ħamrija għandu jkun segwit minnufih b'għelejjel b'domanda għolja għan-nitroġenu u l-fertilizzazzjoni għandha tkun ibbażata fuq analiżi tal-ħamrija fir-rigward tan-nitroġenu minerali u fuq parametri oħra li jipprovdu referenzi għall-istimi tar-rilaxx tan-nitroġenu mill-mineralizzazzjoni tal-materja organika fil-ħamrija.

*Artikolu 9***Kundizzjonijiet fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ammonijaka biex jitnaqqsu d-depożiti tan-nutrijenti fl-ilma wkoll**

1. Fl-azjendi tal-bwar li jibbenefikaw minn awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 6 għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) id-demel likwidu għandu jiġi applikat fil-bwar b'ħamrija ramlija u b'ħamrija "loess" b'injezzjoni baxxa;
  - (b) id-demel likwidu għandu jiġi applikat fil-bwar b'ħamrija taflija u bil-pit b'injezzjoni baxxa, b'applikatur tad-demel likwidu bit-trailing shoe, b'dilwizzjoni ta' 2:1 tad-demel likwidu bl-ilma jew b'injettur ta' impuls intraċċat;
  - (c) id-demel likwidu ma għandux jiġi applikat b'applikatur tad-trailing shoe meta t-temperatura ta' barra tkun ta' 20 °C jew ogħla;
  - (d) id-demel likwidu għandu jiġi applikat fuq raba' li jinħadem b'injezzjoni jew jiddaħħal fir-raba' immedjatament wara li jiġi applikat f'pass wieħed;
  - (e) id-demel solidu għandu jiddaħħal fir-raba' immedjatament wara li jiġi applikat f'mhux aktar minn żewġ passi.
2. In-Netherlands għandhom jipprovdu taħriġ dwar il-miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ammonijaka lill-bdiewa kollha tal-bwar li jibbenefikaw minn awtorizzazzjoni. L-ewwel taħriġ għandu jiġi pprovdut qabel il-31 ta' Diċembru 2023.

*Artikolu 10***Monitoraġġ**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li jinfasslu mapep li jindikaw il-perċentwali ta' dan li ġej:
  - (a) l-azjendi tal-bwar f'kull municiplità li huma koperti minn awtorizzazzjonijiet;
  - (b) il-bhejjem f'kull municiplità li huma koperti minn awtorizzazzjonijiet;
  - (c) l-art agrikola f'kull municiplità li hija koperta minn awtorizzazzjonijiet.

Dawk il-mapep għandhom jiġu aġġornati kull sena.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu u jżommu network ta' monitoraġġ għat-teħid tal-kampjuni tal-ilma tal-ħamrija, tan-nixxigħat, tal-ilma ta' taħt l-art li jkun qrib il-wiċċ u tal-ilma tad-drenaġġ fis-siti tal-monitoraġġ fl-azjendi tal-bwar koperti minn awtorizzazzjoni. Dak in-network ta' monitoraġġ għandu jipprovdi d-data dwar il-konċentrazzjoni tan-nitrati u tal-fosfat fl-ilma li jħalli l-parti tal-ħamrija fiż-żona tal-għeruq u li jidħol fis-sistema tal-ilma ta' taħt l-art u tal-wiċċ.

3. In-network ta' monitoraġġ għandu jinkludi mill-inqas 300 azjenda agrikola koperti mill-awtorizzazzjonijiet u għandu jkun jirrappreżenta kull tip ta' ħamrija (il-ħamrija taflija, il-pit, il-ħamrija ramlja u l-ħamrija "loess" ramlja) u l-livell ta' tniġġis, il-prattiki tal-fertilizzazzjoni u n-newba tal-għelejjel. Il-kompożizzjoni tan-network ta' monitoraġġ ma għandhiex tiġi mmodifikata matul iż-żmien li fih tkun applikabbli din id-Deċiżjoni.
4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw dan li ġej:
  - (a) l-ilma fil-parti tal-ħamrija fiż-żona tal-għeruq, l-ilma tal-wiċċ u l-ilma ta' taħt l-art;
  - (b) il-progress lejn l-oġġettivi tal-kwalità tal-ilma rigward il-konċentrazzjonijiet tan-nitrati tal-fosfat kif speċifikat mid-Direttiva 91/676/KEE u l-pjan Netherlandiż ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara adottat fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE f'żoni mniġġsa bin-nutrijenti.
5. In-Netherlands għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'*data* dwar il-konċentrazzjonijiet tan-nitrati fl-ilma tal-wiċċ u fl-ilma ta' taħt l-art, u dwar il-konċentrazzjoni tal-fosfat u l-istat trofiku għall-ilma tal-wiċċ, kemm taħt kundizzjonijiet ta' deroga kif ukoll mhux ta' deroga.

#### Artikolu 11

### Kontrolli u spezzjonijiet

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli amministrattivi fuq l-applikazzjonijiet kollha għall-awtorizzazzjoni, bil-għan li jivvalutaw il-konformità mal-kundizzjonijiet fl-Artikoli 7, 8 u 9. Jekk jintwera li l-kundizzjonijiet ma humiex issodisfati, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiċħdu l-applikazzjoni u l-applikant jiġi mgħarraf bir-raġunijiet għar-rifjut.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli amministrattivi għal mill-inqas 5 % mill-azjendi tal-bwar koperti mill-awtorizzazzjonijiet fir-rigward tal-użu tal-art, tal-għadd ta' bhejjem u tal-produzzjoni tad-demel.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu programm għall-ispezzjonijiet fuq il-post tal-azjendi tal-bwar koperti minn awtorizzazzjonijiet fuq bażi ta' analiżi tar-riskju u bi frekwenza xierqa. Il-programm għandu jkollha ir-riżultati tal-kontrolli tas-snin preċedenti, ir-riżultati tal-kontrolli aleatorji ġenerali tal-leġiżlazzjoni li tittrasponi d-Direttiva 91/676/KEE u kwalunkwe informazzjoni oħra li tista' tindika nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 7, 8 u 9 ta' din id-Deċiżjoni.

L-ispezzjonijiet fuq il-post għandhom isiru f'mill-inqas 5 % mill-azjendi tal-bwar koperti mill-awtorizzazzjonijiet biex tiġi vvalutata l-konformità mal-kundizzjonijiet fl-Artikoli 7, 8 u 9. Dawk l-ispezzjonijiet għandhom jiġu ssupplimentati mill-ispezzjonijiet u l-kontrolli msemmija fl-Artikolu 4(6).

3. Meta jiġi stabbilit fi kwalunkwe sena li azjenda tal-bwar koperta minn awtorizzazzjoni ma ssodisfatx il-kundizzjonijiet fl-Artikoli 7, 8 u 9, id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jiġi ssanzjonat f'konformità mar-regoli nazzjonali u ma għandux ikun eliġibbli għal awtorizzazzjoni s-sena ta' wara.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw is-setgħat u l-mezzi meħtieġa biex jivverifikaw il-konformità mal-kundizzjonijiet għal awtorizzazzjoni mogħtija skont din id-Deċiżjoni.

#### Artikolu 12

### Rapportar

1. Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju ta' kull sena, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iressqu rapport lill-Kummissjoni li jkun fih l-informazzjoni li ġejja:

- (a) id-*data* marbuta mal-fertilizzazzjoni fl-azjendi tal-bwar kollha li huma koperti mill-awtorizzazzjonijiet skont l-Artikolu 6, inkluża l-informazzjoni dwar ir-rendimenti u t-tipi ta' ħamrija;
- (b) ix-xejriet fl-għadd ta' bhejjem għal kull kategorija ta' bhejjem fin-Netherlands u fl-azjendi tal-bwar koperti minn awtorizzazzjoni;
- (c) ix-xejriet fil-produzzjoni nazzjonali tad-demel f'dak li għandu x'jaqsam man-nitroġenu u mal-fosfat fid-demel;
- (d) l-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 4;

- (e) il-mapep li jissemmew fl-Artikolu 10(1);
- (f) ir-riżultati tal-monitoraġġ tal-ilma ta' taħt l-art u tal-wiċċ, rigward il-konċentrazzjonijiet tan-nitrati u tal-fosfat u l-ewtrofikazzjoni, inkluża informazzjoni dwar ix-xejriet fil-kwalità tal-ilma għall-ilma ta' taħt l-art u tal-wiċċ, kemm bil-kundizzjonijiet tad-deroga kif ukoll bla deroga, flimkien mal-impatt tad-deroga fuq il-kwalità tal-ilma, kif imsemmi fl-Artikolu 10(4) u (5);
- (g) evalwazzjoni, abbażi tal-kontrolli mwettqa fil-livell tal-azjenda agrikola, ta' kif qed jiġu implimentati l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 7, 8 u 9, u informazzjoni dwar azjendi agrikoli mhux konformi, abbażi tar-riżultati tal-kontrolli u l-ispezzjonijiet amministrattivi msemmija fl-Artikolu 11;
- (h) l-implimentazzjoni tal-istrategġja tal-infurzar imsaħħa msemmija fl-Artikolu 4, b'rapportar speċifiku dwar kull wieħed mill-elementi msemmija fl-Artikolu 4(6).

2. Id-*data* ġeografika fir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tikkonforma, fejn applikabbli, mad-Direttiva 2007/2/KE. Huma u jiġbru d-*data* meħtieġa, in-Netherlands għandhom jużaw, meta jkun xieraq, l-informazzjoni ġġenerata bis-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll stabbilita f'konformità mal-Artikolu 67(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

#### Artikolu 13

#### **Perjodu tal-applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2025.

#### Artikolu 14

#### **Destinatarju**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Netherlands.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2022.

Għall-Kummissjoni  
Virginijus SINKEVIČIUS  
Membru tal-Kummissjoni